# Il-Vista Pastorali li l-Isqof Cocco Palmieri għamel f'Ħal Kirkop fit-3 ta' Mejju, 1685

## fi żmien il-Kappillan Dun Duminku Farrugia

*Horatio Caesar Roger Vella**

**Nota Editorjali**

M'hemm bżonn tal-ebda introduzzjoni għall-Professur Horatio Vella u d-dedikazzjoni u l-imħabba tiegħu lejn ir-riċerka storika. Għaldaqstant, għal min għandu għal qalbu l-istorja ta' raħalna, żgur li ser japprezza dan l-avveniment li seħħ lejn l-aħħar tas-seklu 17, u li qiegħed mogħni wkoll b'noti u kummenti mill-Professur stess. F'dan il-perjodu ser naraw kif l-istruttura tal-knisja kienet għaddejjha minn żvilupp radikali u għalhekk, permezz ta' dan l-inventarju, ser naraw il-bidliet li seħħew biex il-knisja waslet fil-forma li nafu biha llum. Fost l-oħrajn ser naraw ukoll prova oħra tal-kult ta' San Ġużepp f'raħalna li jmur lura għal ħafna sekli ilu.

Nirringrazzjaw lil Professur Horatio Vella talli f'qasir żmien kitbilna artiklu tassew iddettaljat.

Ġejt mitlub nikteb xi ħaġa fuq l-istorja ta' Ħal Kirkop,[1] u ħsibt li nittraskrivi u nittraduċi l-partijiet prinċipali ta' din il-vista pastorali biex wieħed imur lura fiż-żmien u jara kif kienet tidher il-knisja parrokkjali hi u titkabbar, u naraw xi ħaġa wkoll fuq ż-żewġ knejjes filjali l-oħra ta' dak iż-żmien.

Din il-Vista Pastorali għamilha l-Isqof Fra Davide Cocco Palmieri li kien minn Kalabrija u qassis konventwali tal-Ordni ta' San Ġwann. Huwa twieled Borgo Pestocostanzo, ħdejn Monte Cassino, fit-23 ta' Marzu, 1632, u ġie ordnat qassis fl-24 ta' Frar, 1657. Ġie nominat Isqof ta' Malta u Għawdex fil-15 ta' Mejju, 1684, wara l-Isqof Michele Giovanni Molina. Għalkemm ma kienx ansjuż li jaċċetta din in-nomina, fl-aħħar nett ġie kkonsagrat isqof fl-4 ta' Ġunju, 1684. Tul l-episkopat tiegħu, huwa ltaqa' ma' bosta ostakli u spejjeż fl-amministrazzjoni ta' dawn il-gżejjer; madankollu, huwa baqa' ġeneruż mal-fqar. Fost il-litigazzjonijiet li kellu, wieħed isemmi dik li kellu mal-Kanonku Antonju Manso, il-Vigarju Ġenerali tiegħu, u mal-Kapitlu tal-Katidral dwar il-preċedenza. F'April tal-1703, huwa laqqa' Sinodu. Wara t-terremot tal-1693, huwa kkontribwixxa minn butu għall-bini mill-ġdid tal-Katidral fl-Imdina. Huwa miet fid-19 ta' Settembru, 1711, fl-età ta' 80 sena u ndifen fil-Katidral ta' Malta.[2] Warajh ġie l-Isqof Giacomo Cannaves. Fil-Katidral tal-Imdina nsibu din l-iskrizzjoni fuq il-qabar tiegħu, fin-nofs tal-Altar tal-Kappalla tas-Santissimu Sagrament:[3]



Pittura tal-Isqof Fra Davide Cocco Palmieri (1632 - 1711) li tinsab ġol-Knisja Matriċi taż-Żebbuġ Għawdex

QVASI PALMA EXALTATVS. / D[EO] O[PTIMO] M[AXIMO]. / RECOLENDIS SISTE CINERIBVS, VIATOR, / FRATRIS DAVID COCCO / PALMIERI, / EPISCOPI MELITENSIS, / CVIVS MORTEM PRETIOSAM IN CONSPECTV DOMINI / SVPERSTES DOLOR / ILLACRIMAT; / ANTISTES NAMQVE, DEO PLENVS, / ADDIDIT EPISCOPALI CATHEDRAE DIGNITATEM, DVM SEDIT; / ET QVEM INNOCENS VITA, EXIMIA PIETAS, INSIGNIS PRVDENTIA / PRAESTANS DOCTRINA / AD PRAESVLATVS INFVLAS EMERITVM EFFECERANT CANDIDATVM, / PERVIGIL SOLICITVDO, FLAGRANS ZELVS, INCONCVSSA CONSTANTIA / PASTOREM REDDIDERVNT ADMIRABILEM. / ECCLESIAM, GREGEM ALTE INCOLVIT NITORE, CARITATE, EXEMPLO. / QVATTVOR NOVITER IN DIOECESI AC PVEROR[VM] SEMINARIO ERECTIS PAROECIIS / OVIBVS PROFICVA SIBI PRAECLARA CVMVLAVIT MONIMENTA. / SED NVLLVS CORPORI TVMVLVS PAR, CVI NVLLA PAR LAVS. / QVOD CERNIS, CELEBRE, IPSIVS ATQVE CAPITVLI SEDVLITATE / CONSTRVCTVM TEMPLVM; / EIVS VRNA EST. / EXCIPIT VIRTVTVM FLOREM IN TERRA, FVTVRVM IN CAELO SIDVS. / OBIIT ANTE DIEM XIII KALENDAS OCTOBRES, / AN[NO] SAL[VTIS] MDCCXI, / AETAT[IS] SVAE LXXX, / PRAESVLATVS VERO XXVII.[4]

Nagħti issa t-traduzzjoni tiegħi kif ġej:

*Mgħolli 'l fuq qisu palma. Lil Alla, l-Aħjar, l-Akbar. Ieqaf, o vjaġġatur, biex tirrifletti fuq il-fdalijiet ta' Fra Davide Cocco Palmieri, Isqof ta' Malta, li mewtu, prezzjuża quddiem il-Mulej, is-sogħba preżenti*

*tibki; għax, bħala isqof, mimli b'Alla, sakemm kien fuq it-tron, żied dinjità lill-katedra episkopali; u ħajja innoċenti, tjieba rari, prudenza distinta, għerf preminenti kienu għamluh kandidat mistħoqq għall-insinji episkopali, li kura dejjem attenta, żelu jaqbad, perseveranza riżoluta għamluh ragħaj tal-għaġeb. Hu ħa ħsieb profondament il-Knisja, il-merħla b'eċċellenza, imħabba, eżempju. Kattar monumenti ta' għajnuna għan-nagħaġ tiegħu, ta' ġieh għalih innifsu, billi waqqaf dan l-aħħar erba' parroċċi u seminarju għat-tfal. Imma mhemm l-ebda qabar jixraq lil ġismu li lilu ma jixraq ebda tifħir. Dak li qed tara huwa t-tempju ċelebri mibni biż-żelu tiegħu u b'dak tal-Kapitlu; tiegħu hija l-urna. Huwa libes il-fjur tal-virtujiet fuq l-art, il-glorja futura fis-Sema. Miet fid-19 ta' Settembru, fis-sena tas-Salvazzjoni 1711, fl-età ta' 80 sena, tabilħaqq fis-27 sena tal-episkopat tiegħu.*

Issa ngħaddu għall-Vista Pastorali proprja, u wara għall-kummentarju fuqha.

**It-Tabernaklu**

// [f.207] // Tabernaculo ligneo in parte depicto, et in parte deaurato posito sup[er] altare maius... duo sacrae pixydes, una grandior tota argentea eleganter incisa ex parte exteriori cum conopeo serico rubri coloris et cum finimentis aureis, altera vero // [f.207v.] // parvior, quae deseruit pro deferendo viatico ad infirmos cum cuppa argentea, et pede aeneo deaurato et conopeo serico ignei coloris, tabernaculum p[raedi]ctum in parte interiori est fulutum[5] serico rubri coloris cuius ostiolum clauditur sera ferrea, et habet cortinulam serico ignei coloris. Ill[ustrissi]mus et R[everendissi]mus D[omi]nus mandavit ambas Pixydes auro colorari.

*Tabernaklu tal-injam parti minnu mpinġi, u parti miksi bid-deheb, imqiegħed fuq l-altar maġġur... żewġ pissidi sagri, wieħed, l-ikbar, kollu kemm hu inċiżjat bil-fidda b'mod eleganti fil-parti ta' barra b'konopew tal-ħarir ta' lewn aħmar u b'dekorazzjonijiet bid-deheb, waqt li l-ieħor, l-iżgħar, li jitħalla biex jittieħed il-vjatku lill-morda, bit-tazza tal-fidda, u sieq tar-ram maħsul bid-deheb u konopew tal-ħarir ta' lewn in-nar. Il-ġa msemmi tabernaklu huwa miksi fil-parti ta' ġewwa b'ħarir ta' lewn aħmar, li l-bieba żgħira tiegħu tingħalaq bis-serratura tal-ħadid, u għandha purtiera żgħira tal-ħarir ta' lewn in-nar. Il-Wisq Illustri u Reverendu Sinjur ordna li ż-żewġ pissidi jingħataw kulur id-deheb.*

**Il-Fonti tal-Magħmudija**

// [f.207v.] // Visitavit fontem baptismalem positu[m] in latere dextero ecclesiae quod est lapideum bipartitum, et cooperculo ligneo depicto varijs coloribus cum imagine S[ancti] Jo[ann]is Bap[tis]tae baptizantis Christum Dominum ex parte exteriori; in interiori vero tela cerulea ornatum. Fuerunt in eo reperta cochlear argenteum cum sacris oleis chrismatis et cathecumenorum omniaq[ue] necessaria pro administrat[io]ne sacramenti baptismatis.Prope dictum fontem adest sacrarium, quod clauditur sera, et clave ferrea bene detentum.

Żar il-fonti tal-magħmudija mqiegħed fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja[6] *li huwa tal-ġebel maqsum f'żewġ partijiet, u b'kuperċ tal-injam impinġi f'ħafna lwien bix-xbieha ta' San Ġwann il-Battista qed jgħammed lill-Mulej Kristu fuq il-parti ta' barra; waqt li fuq ġewwa huwa ddekorat bi drapp lewn is-sema.Instabu fih kuċċarun tal-fidda biż-żjut sagri tad-dilka u tal-katekumeni, (u nstabu fih ukoll) l-affarijiet kollha neċessarji għall-amministrazzjoni tas-sagrament tal-magħmudija. Ħdejn l-imsemmi fonti hemm sakrarju, li jingħalaq bis-serratura u ċ-ċavetta, magħluq tajjeb.*

**Iż-Żjut Imqaddsa**

// [f.207v.] // Visitavit oleum infirmoru[m], quod conservatur in armariolo in muro constructo in latere dextero altaris maioris, in quo fuit repertus vasculum argenteum ad formam turris cum suo cooperculo, et conopeo violacei coloris, nec non et capsula lignea cum tribus vasculis argenteis ad formam ... in quibus extant sacra olea et armarium ipsum ex parte interiori est serico violacei coloris fulutum[7]. Ill[ustrissi]mus et Rev[erendissi]mus D[omi]nus mandavit ante ostiolum renovari cortinulam violacei coloris saltem teleam.

*Żar iż-żejt tal-morda, li jinżamm f'armarju żgħir mibni fil-ħajt fuq in-naħa tal-lemin tal-altar maġġur, li fih instab reċipjent żgħir tal-fidda b'forma ta' torri bil-kuperċ tiegħu, u b'konopew ta' lewn vjola, kif ukoll kaxxa żgħira tal-injam bi tliet reċipjenti żgħar tal-fidda b'forma ... li fihom jinstabu ż-żjut imqaddsa, u l-armarju nnifsu huwa miksi fuq il-parti ta' ġewwa b'ħarir ta' lewn vjola. Il-Wisq Illustri u Reverendu Sinjur ordna li l-purtiera żgħira ta' quddiem il-bieba żgħira tiġi mibdula almenu bi drapp ta' lewn vjola.*

**Altar Titulari fil-Kor**

Cum magna Icona ref[eren]te imaginem S[anctissi]mae Trinitatis coronantis B[eatam] V[irginem] in parte superiori; in inferiori vero eiusde[m] S[anc]ti Leonardi, ac S[ancti] Jo[ann]is Evang[elist]ae et Antonij Abbatis cum cornice lapidea et duabus columnis eleganter incisisque in actu decolorant[ium] pro ipsis deaurandis ex devotione Rev[erendi] Don Dominici Hellul de d[ict]o Casali ad praesens Parochi Cas[alis] Balzan. // [f.226] // In eodem altari est erecta confraternitas viroru[m] sub titulo S[anctissi]

mi Sacramenti, cuius procuratores sunt Dominicus Caruana et Dom[ini]cus Hellul.

*B'pittura kbira li tirrappreżenta x-xbieha tat-Trinità Wisq Qaddisa tikkorona lill-Qaddisa Verġni fil-parti ta' fuq; waqt li fil-parti t'isfel (ix-xbiha) tal-istess San Leonardu u ta' San Ġwann l-Evanġelista u ta' Sant' Anton Abbati bi gwarniċun tal-ġebel u żewġ kolonni skulturati b'mod eleganti miżbugħin qishom miksija bid-deheb, (magħmula) mid-devozzjoni tar-Reverendu Dun Duminku Ellul, mill-imsemmi raħal, fil-preżent Kappillan ta' Ħal Balzan. Mal-istess altar hemm imwaqqfa l-konfraternità tal-irġiel taħt it-titlu tas-Santissimu Sagrament, li l-prokuraturi tagħha huma Duminku Caruana u Duminku Ellul.*

**Altar tar-Rużarju Mqaddes**

Habet Iconam referentem imaginem B[eatae] M[ariae] V[irginis] cum puero Iesu et sup[er] eorum capitib[us], adsunt coronae argenteae cum gemmis vitreis, nec non S[anctorum] Dom[ini]ci et Catharinae Senensis, et circum circa mysteria S[anctissi]mi Rosarij. // [f.226v.] //In eodem altari est erecta confraternitas virorum huius confratres regunt praedictu[m] altare. Procuratores ad praesens sunt Stephanus Hellul, et Lucas Hellul.

*Għandu pittura li tirrappreżenta x-xbieha tal-Imqaddsa Marija Verġni bit-tifel Ġesù, u fuq rashom hemm kuruni tal-fidda b'fosos tal-ħġieġ, kif ukoll (ix-xbieha) ta' San Duminku u Santa Katerina ta' Siena, u fil-madwar il-Misteri tas-Santissimu Rużarju. Mal-istess altar hemm imwaqqfa konfraternità tal-irġiel. Il-konfratelli tiegħu jamministraw il-ġa msemmi altar. Fil-preżent il-prokuraturi huma Stiefnu Ellul u Luqa Ellul.*

**Altar ta' San Ġakbu**

// [f.209] // In brachio dextero[8]... cum icona desuper referente Imaginem eiusdem sancti nec non S[ancti] Bartholomei Apostoli, et in parte superiori adest depicta imago B[eatae] M[ariae] V[irginis].

*Fil-kappellun tal-lemin... b'pittura fin-naħa ta' fuq tirrappreżenta x-xbieha tal-istess qaddis kif ukoll ta' San Bartilmew, Appostlu, u fil-parti ta' fuq hemm impinġija x-xbieha tal-Imqaddsa Marija Verġni.*

**Altar tal-Assunzjoni**

In latere dextero... eius parva Icona translata ab antiqua ecclesia prophanata detinerur in sacristia, et in altare adest alia Icona referens // [f.209v.] // imaginem S[anctorum] Cosmae et Damiani. In p[raedi]cta antiqua ecclesia prophanata sub eodem titulo B[eatae] M[ariae] V[irginis] Assumptae aderat onus celebrandi festivitatem cum p[ri]mis vesperis et missa lecta, et accendendi lampadem diebus consuetis; ad p[raese]ns vero festivitas celebratur in altero altare sub eodem titulo ex[iste]nte in latere sinistro altaris maioris.

*Fuq in-naħa tal-lemin... il-pittura żgħira tagħha, miġjuba minn knisja antika pprofanata, tinżamm fis-sagristija, u fuq l-altar hemm pittura oħra li tirrappreżenta x-xbieha ta' San Kożma u San Damjan. Fil-ġa msemmija knisja antika pprofanata taħt l-istess titlu tal-Imqaddsa Marija Verġni Mtellgħa s-Sema, hemm marbut magħha l-piż li tiġi ċċelebrata festa bl-ewwel Għasar u quddiesa letta, u li tinxtegħel lampa fil-ġranet tas-soltu.Imma fil-preżent il-festa qiegħda tiġi ċċelebrata fuq l-altar l-ieħor taħt l-istess titlu li jinsab fuq in-naħa tax-xellug tal-altar maġġur.*

**Altar tal-Assunzjoni**

// [f.209v.] // In latere sinistro[9] ... habet iconam referentem imaginem B[eatae] M[ariae] V[irginis] absumptae et S[anctorum] apostolorum in parte inferiori cum cornice lapidea pro filis ligneis deauratis.

*Fuq in-naħa tax-xellug... għandha pittura li tirrappreżenta lix-xbieha tal-Imqaddsa Marija Verġni Mtellgħa s-Sema u tal-Qaddisin Appostli fil-parti t'isfel, b'gwarniċun tal-ġebel minflok strixxi tal-injam miksija bid-deheb.*

**Altar tal-Kunċizzjoni**

In brachio sinistro ... et caret o[mn]ibus necess[a] rijs cu[m] Icona desup[er] referente Imaginem S[anctissi]mae Concep[tio]nis absq[ue] cornice neq[ue] ullo ornam[en]to lapideo. // [f.210] //

*Fil-kappellun tax-xellug... u nieqes minn kull ħaġa neċessarja, b'pittura fuqu li tirrappreżenta x-xbieha tas-Santissima Kunċizzjoni mingħajr gwarniċun u l-ebda dekorazzjoni tal-ġebel.*

**Altar ta' Santa Anastasja**

// [f.210] // Latere sinistro ... in quo adest Icona referens martyrium eiusdem sanctae.

*Fuq in-naħa tax-xellug ... li fuqu hemm pittura li tirrappreżenta l-martirju tal-istess qaddisa.*

**Kor**

// [f.210] // Visitavit chorum quod est competentis magnitudinis noviter constructum in quo adest altare titulare, et caret sedilibus ligneis.

*Żar il-kor li hu ta' kobor kompetenti mibni dan l-aħħar, li fih hemm l-altar titulari, u m'għandux siġġijiet tal-injam.*

**Il-Korsija u l-Kappelluni**

// [f.210] // Visitavit corpus ecclesiae quod ad p[raese]ns noviter construitur in moderna forma crucis, cuius brachia, cum quatuor pilastris

sustinentibus cuppolam sunt p[er]fectionata reliquum tamen corpus versus ianuam maiorem adhuc extat secundum antiquam formam.In pilastro dextero ecclesiae ex quatuor sustinentibus cuppolam adest ambo ligneis pro habendis concionibus.

*Żar il-korsija tal-knisja li fil-preżent qiegħda tinbena mill-ġdid f'forma ta' salib, li l-kappelluni tagħha, bl-erba' pilastri jżommu l-koppla, huma lesti; imma l-bqija tal-korsija lejn il-bieb maġġur għadha skont il-forma antika. Mal-pilastru tan-naħa tal-lemin tal-knisja, wieħed mill-erbgħa li qiegħdin iżommu l-koppla, hemm pulptu biex isiru l-prietki (minn fuqu).*

**Sagristija**

// [f.210] // Visitavit sacristiam ad quam ingredir[etir] ex latere dextero chori.Ex eodem latere chori ascender[etur] ad campanile p[er] nonullos gradus lapideos in quo adsunt duae campanae aeneae.

*Żar is-sagristija li għaliha wieħed jidħol min-naħa tal-lemin tal-Kor. Mill-istess naħa tal-Kor wieħed jitla' sal-kampnar permezz ta' ftit turġien tal-ġebel, li fih hemm żewġ qniepen tal-bronż.*

**Knisja tal-Lunzjata**

// [f.210v.] // Quarum maior respicit Occidentem cum atrio ante ipsam, altera meridiem ante quam sup[er] quatuor gradibus lapideis in forma orbiculari loco Calvarij Montis est erecta columna lapidea cum cruce ottogona desuper etiam lapidea; ... Habet unum altare lapideum ballaustris lapideis septum quibus dividitur a regione ecclesiae, cum sua ara bene collocata; aptu[m] pro sacrificio missae, et super ipsum adest antiqua Icona referens Imaginem B[eatae] M[ariae] V[irginis] Annunciatae nec non S[anc]ti Petri a destris[10] et Pauli a sinistris, et in cornu epistolae[11] adest lampas in circulo ferreo muro affixo; ... et prope ipsum altare est erecta parva sacrestia adhuc tu[m] sine valvis ligneis.

*Il-bieb prinċipali fosthom iħares lejn il-Punent b'daħla quddiemu, l-ieħor lejn nofsinhar, quddiem liema, fuq erba' turġiet tal-ġebel f'forma tonda qisu l-għolja tal-Kalvarju, hemm imwaqqfa kolonna tal-ġebel b'salib ottagonali fuqu, ukoll tal-ġebel ... Għandha altar wieħed tal-ġebel maqtugħ b'ballavostri tal-ġebel li bihom hu mifrud minn dik il-parti li tagħmel il-knisja, bil-parti ta' fuq l-altar imqiegħed tajjeb. (L-altar) hu addattat għas-sagrifiċċju tal-quddiesa, u fuqu hemm pittura antika li tirrappreżenta x-xbieha tal-Imqaddsa Marija Verġni Mogħtija t-Tħabbira, kif ukoll (ix-xbihat) ta' San Pietru fuq il-lemin u ta' (San) Pawl fuq ix-xellug, u fuq ir-rokna tal-epistola hemm lampa f'kandelabru tond tal-ħadid imqabbad mal-ħajt ... u ħdejn l-altar innifsu hemm imwaqqfa sagrestija żgħira li sa issa għadha mingħajr bibien tal-injam.*

**Knisja ta' San Nikola, Isqof**

// [f.211] // Visitavit ecclesiam ruralem sub titulo S[ancti] Nicolai positam in confinibus eiusdem casalis, quae habet januam versus occidente[m] cum atrio lapidibus absq[ue] caemento septo; habet unum altare cum sua ara bene caementata, aptum pro sacrificio missae et competenter detentum cum scabello lapideo pluribus gradibus composito et colore rubro pro filis croceis depicto, et desuper in muro pendet et Icona noviter confecta, nedum autem benedicta, referens Imaginem eiusdem Sancti, et in cornu evangelij pendet lampas in circolo ferreo parieti perfixo. ... Ill[ustrissi]mus et Rev[erendissi]mus D[omi]nus immediate more solito p[raedi]ctam Iconam benedixit.

*Żar il-knisja rurali taħt it-titlu ta' San Nikola, li tinsab fil-konfini tal-istess raħal, li għandha l-bieb iħares lejn il-Punent b'daħla maqtugħa (mill-bqija) b'ġebel mingħajr siment. Għandha altar wieħed bil-parti ta' fuq tiegħu ssimentat tajjeb, addattat għas-sagrifiċċju tal-quddiesa u miżmum b'mod sodisfaċenti, b'banketta tal-ġebel magħmula minn diversi turġiet u miżbugħa b'lewn aħmar minflok strixxi sofor, u n-naħa ta' fuq hemm ukoll imdendla mal-ħajt pittura magħmula dan l-aħħar, imma għadha mhix imbierka, li tirrappreżenta lix-xbieha tal-istess qaddis, u fir-rokna tal-Evanġelju hemm imdendla lampa f'ċirku tal-ħadid imwaħħal mal-ħajt ... Il-Wisq Illustri u Reverendu Sinjur immedjatament bierek il-ġa msemmija pittura skont id-drawwa tas-soltu.//* [f.212] //

Dun Duminku Farrugia, Kappillan

Kjerku Ġwanni Ellul

Mawrizju Cassar, sagristan

Il-Kappillan wera l-erba' kotba tal-magħmudija, griżma tal-isqof, żwieġ u mwiet u noti fuq l-i*status animarum.*



**Parti mill-Kor li jinsab wara l-artal maġġur. Din in-naħa kienet waħda mill-ewwel fażijiet tat-tkabbir tal-Knisja.**

sustinentibus cuppolam sunt p[er]fectionata reliquum tamen corpus versus ianuam maiorem adhuc extat secundum antiquam formam.In pilastro dextero ecclesiae ex quatuor sustinentibus cuppolam adest ambo ligneis pro habendis concionibus.

*Żar il-korsija tal-knisja li fil-preżent qiegħda tinbena mill-ġdid f'forma ta' salib, li l-kappelluni tagħha, bl-erba' pilastri jżommu l-koppla, huma lesti; imma l-bqija tal-korsija lejn il-bieb maġġur għadha skont il-forma antika. Mal-pilastru tan-naħa tal-lemin tal-knisja, wieħed mill-erbgħa li qiegħdin iżommu l-koppla, hemm pulptu biex isiru l-prietki (minn fuqu).*

**Sagristija**

// [f.210] // Visitavit sacristiam ad quam ingredir[etir] ex latere dextero chori.Ex eodem latere chori ascender[etur] ad campanile p[er] nonullos gradus lapideos in quo adsunt duae campanae aeneae.

*Żar is-sagristija li għaliha wieħed jidħol min-naħa tal-lemin tal-Kor. Mill-istess naħa tal-Kor wieħed jitla' sal-kampnar permezz ta' ftit torġien tal-ġebel, li fih hemm żewġ qniepen tal-bronż.*

**Knisja tal-Lunzjata**

// [f.210v.] // Quarum maior respicit Occidentem cum atrio ante ipsam, altera meridiem ante quam sup[er] quatuor gradibus lapideis in forma orbiculari loco Calvarij Montis est erecta columna lapidea cum cruce ottogona desuper etiam lapidea; … Habet unum altare lapideum ballaustris lapideis septum quibus dividitur a regione ecclesiae, cum sua ara bene collocata; aptu[m] pro sacrificio missae, et super ipsum adest antiqua Icona referens Imaginem B[eatae] M[ariae] V[irginis] Annunciatae nec non S[anc]ti Petri a destris[10] et Pauli a sinistris, et in cornu epistolae[11] adest lampas in circulo ferreo muro affixo; … et prope ipsum altare est erecta parva sacrestia adhuc tu[m] sine valvis ligneis.

*Il-bieb prinċipali fosthom iħares lejn il-Punent b'daħla quddiemu, l-ieħor lejn nofsinhar, quddiem liema, fuq erba' tarġiet tal-ġebel f'forma tonda qisu l-għolja tal-Kalvarju, hemm imwaqqfa kolonna tal-ġebel b'salib ottagonali fuqu, ukoll tal-ġebel … Għandha altar wieħed tal-ġebel maqtugħ b'ballavostri tal-ġebel li bihom hu mifrud minn dik il-parti li tagħmel il-knisja, bil-parti ta' fuq l-altar imqiegħed tajjeb. (L-altar) hu addattat għas-sagrifiċċju tal-quddiesa, u fuqu hemm pittura antika li tirrappreżenta x-xbieha tal-Imqaddsa Marija Verġni Mogħtija t-Tħabbira, kif ukoll (ix-xbihat) ta' San Pietru fuq il-lemin u ta' (San) Pawl fuq ix-xellug, u fuq ir-rokna tal-epistola hemm lampa f'kandelabru tond tal-ħadid imqabbad mal-ħajt … u ħdejn l-altar innifsu hemm imwaqqfa sagrestija żgħira li sa issa għadha mingħajr bibien tal-injam.*

**Knisja ta' San Nikola, Isqof**

// [f.211] // Visitavit ecclesiam ruralem sub titulo S[ancti] Nicolai positam in confinibus eiusdem casalis, quae habet januam versus occidente[m] cum atrio lapidibus absq[ue] caemento septo; habet unum altare cum sua ara bene caementata, aptum pro sacrificio missae et competenter detentum cum scabello lapideo pluribus gradibus composito et colore rubro pro filis croceis depicto, et desuper in muro pendet et Icona noviter confecta, nedum autem benedicta, referens Imaginem eiusdem Sancti, et in cornu evangelij pendet lampas in circolo ferreo parieti perfixo. … Ill[ustrissi]mus et Rev[erendissi]mus D[omi]nus immediate more solito p[raedi]ctam Iconam benedixit.

*Żar il-knisja rurali taħt it-titlu ta' San Nikola, li tinsab fil-konfini tal-istess raħal, li għandha l-bieb iħares lejn il-Punent b'daħla maqtugħa (mill-bqija) b'ġebel mingħajr siment. Għandha altar wieħed bil-parti ta' fuq tiegħu ssimentat tajjeb, addattat għas-sagrifiċċju tal-quddiesa u miżmum b'mod sodisfaċenti, b'banketta tal-ġebel magħmula minn diversi tarġiet u miżbugħa b'lewn aħmar minflok strixxi sofor, u n-naħa ta' fuq hemm ukoll imdendla mal-ħajt pittura magħmula dan l-aħħar, imma għadha mhix imbierka, li tirrappreżenta lix-xbieha tal-istess qaddis, u fir-rokna tal-Evanġelju hemm imdendla lampa f'ċirku tal-ħadid imwaħħal mal-ħajt … Il-Wisq Illustri u Reverendu Sinjur immedjatament bierek il-ġa msemmija pittura skont id-drawwa tas-soltu.//* [f.212] //

Dun Duminku Farrugia, Kappillan

Kjerku Ġwanni Ellul

Mawrizju Cassar, sagristan

Il-Kappillan wera l-erba' kotba tal-magħmudija, griżma tal-isqof, żwieġ u mwiet u noti fuq l-*istatus animarum.*



**Parti mill-Kor li jinsab wara l-artal maġġur. Din in-naħa kienet waħda mill-ewwel fażijiet tat-tkabbir tal-Knisja.**

**Kummentarju**

Fil-mument li kien qiegħed jinkiteb dan ir-rapport tal-Vista Pastoral fl-1685, il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop kienet għada qiegħda titkabbar. Fil-fatt, it-tkabbir intemm fis-sena 1706, kif id-data fuq il-faċċata tal-knisja turi.[12] Kemm dik id-data u kemm din il-Vista Pastorali jikkonfermaw li t-tkabbir beda min-naħa tal-kor u tas-sagristija, biż-żieda taż-żewġ kappelluni u, wara din il-Vista Pastorali, biż-żieda tal-faċċata u ż-żewġ kampnari.

Minn din il-Vista Pastorali wieħed jasal għall-konklużjoni li l-knisja li Dun Karlu Taliana, l-ewwel Kappillan ta' Ħal Kirkop, bena wara li waqqa' żewġ knejjes li kienu jmissu ma' xulxin, dik ta' San Leonardu u dik ta' Santa Marija,[13] kienet f'forma rettangulari, kif kienu l-knejjes kollha l-antiki, inkluża dik tal-Lunzjata.L-idea li l-knejjes jinbnew b'forma ta' salib ġiet mill-Konċilju ta' Trentu, idea imma li damet ma bdiet tiġi attwata, tant li Dun Karlu Taliana ma kienx segwiha, forsi minħabba eżiġenzi ta' spazju f'dak iż-żmien u ta' spejjes. F'dik l-istess knisja rettangulari, iż-żewġ qniepen tal-bronż ma kinux fuq quddiem tal-knisja, li kienet għadha l-antika u mingħajr kampnari, imma fuq wara tal-presbiterju, li l-aċċess għalihom kien minn taraġ ħdejn is-sagristija.

Minn dak li fadal mill-knisja li bena Dun Karlu hemm biss il-korsija ċentrali, li għal raġunijiet ta' spazju ma twalitx, u hekk spiċċat kważi bl-istess tul daqs il-kappelluni. Knejjes ta' dan id-daqs u disinn huma dawk ta' Ħal Safi, u ħafna iktar riċenti, dik tal-Munxar, Għawdex. Il-ġebel li wieħed jista' jara minn barra tal-korsija ċentrali huma fil-fatt eqdem u iżgħar minn dawk li jidhru fuq barra tal-Kappelluni, sagristija u fuq wara tal-knisja. Imbagħad, il-parti ta' wara li tħares lejn Ilbiċ, dik li tħares lejn Triq San Leonardu, kienet waqgħet bil-gwerra u nbniet mill-ġdid.

Għalkemm din il-Vista Pastorali ma ssemmi xejn, il-knisja rettangulari li kien bena Dun Karlu Taliana kellha fil-fatt tliet bibien: wieħed fin-nofs iħares lejn il-punent, wieħed laterali iħares lejn in-nofsinhar, u l-laterali l-ieħor lejn it-tramuntana. Dawn il-bibien tal-aħħar kienu ngħalqu bil-ġebel wara li żewġ bibien oħra, it-tnejn iħarsu lejn il-Punent, infetħu wieħed f'kull kappellun.[14]

F'din il-Vista Pastorali jissemmew tmien altari, li huma dawn: l-altar maġġur, l-altar tal-kor taħt il-pittura titulari, l-altar tal-Madonna tar-Rużarju u l-altar ta' San Ġakbu fil-kappellun tal-lemin, l-altar tal-Kunċizzjoni u ta' Santa Marija fil-kappellun tax-xellug, altar ieħor ta' Santa Marija fuq il-lemin tal-korsija ċentrali, u dak ta' Santa Anastasja fuq ix-xellug.

Il-pitturi li għadhom jeżistu minn dawk imsemmijin f'din il-Vista Pastorali huma dak tar-Rużarju, li għadu f'postu, u dak ta' Santa Marija li kienet flok



L-inkwadru tal-artal tal-Madonna tar-Rużarju li jinsab biswit is-sagristija.



Il-pulptu li kien jintuża fil-Knisja Parrokkjali u li llum jinsab fil-Kappella tal-Lunzjata.



Dettall tas-saqaf tal-Kappella tal-Lunzjata.



Il-ħajt oriġinali tal-Kappella tal-Lunzjata mibni c 1300.

in-niċċa ta' San Leonardu, u li llum hija miżmuma fil-Knisja tal-Lunzjata. Dik tal-Kunċizzjoni, li kienet fejn hemm il-kurċifiss, li llum qiegħed jiġi restawrat, ħadet post, qabel din il-Vista Pastorali, pittura oħra tal-Kurċifissjoni li llum tinsab ukoll fil-Knisja tal-Lunzjata.[15] Dik tat-titular inbidel ma' dik tal-lum li ġġib id-data tal-1751; dik ta' San Ġakbu inbidlet mill-oħra tal-Madonna tal-Pilar li saret ftit snin wara din il-Vista Pastorali, u li wkoll baqgħet iġġib ix-xbieha ta' San Ġakbu; dik tal-Kunċizzjoni tat postha lill-Kurċifiss li kien għamel Wistin Camilleri s-seklu l-ieħor; dik ta' San Kożma u San Damjan, li kienet fuq l-Altar ta' Santa Marija (iċ-ċkejkna) tat postha lill-Madonna tal-Grazzja li saret wara l-1725; u dik ta' Santa Anastasja tat postha lid-Duluri li saret wara l-1740.[16] Il-pitturi l-antiki ta' San Leonardu, San Ġakbu, il-Kunċizzjoni, Santa Maria (iċ-ċkejkna) li kien hemm fuq l-altar tal-lemin tal-korsija u li kienet tinżamm fis-sagristija, San Kożma u San Damjan u Santa Anastasja m'għadhomx jeżistu.



L-arma tal-Isqof Cocco Palmieri li tinsab fil-parti t'isfel tal-inkwatru tal-Madonna tal-Pilar li jinsab ukoll biswit s-sagristija. F'dan l-inkwadru jidher ukoll San Ġakbu iżda m'huwiex l-istess inkwatru ta' San Ġakbu li jissemma fil-punti taż-żjara ta' Cocco Palmieri.

Il-pulptu li jissemma f'dan ir-rapport illum jinsab miżmum fil-Knisja tal-Lunzjata.

Fir-raħal ta' Ħal Kirkop kienu jeżistu sitt knejjes filjali. Dawn kienu dik tal-Lunzjata, dik ta' San Nikola, dik ta' San Ġwann il-Battista, dik ta' San Ġakbu,



Il-pittura ta' Santa Marija li mill-Knisja ta' Santa Marija ttieħdet fil-Knisja Prinċipali u tpoġġiet fejn illum hemm in-niċċa ta' San Leonardu. Illum tinsab fil-Lunzjata.





Il-pittura tal-Kroċifissjoni li xi darba kienet flok il-Kurċifiss li hemm fil-Kappellun tax-xellug tal-Knisja Parrokkjali. Illum tinsab fil-Lunzjata.

dik ta' Santa Marija u dik ta' Santa Anastasja. Min dawn għadha teżisti biss dik tal-Lunzjata li kienet twaqqgħet u reġgħet inbniet fuq l-istess post fis-seklu sbatax. Minn dik il-knisja oriġinali fadal biss il-ħajt ta' wara li jħares lejn Ilvant u lejn il-Knisja Parrokkjali, u parti mis-sagristija. Dik ta' San Nikola, biċ-ċimiterju magħha, imsemmija f'din il-Vista Pastorali, inbniet flok oħra fuq l-istess post, li kienet fuq in-naħa tax-xellug int u dieħel fit-*tunnel* lejn il-Belt, maġenb it-triq medjevali li għadha teżisti sal-lum li kienet twassal l-antenati tagħna lejn Bir Miftuħ, liema triq titfaċċa mill-ġdid f'Ħal Resqun, jiġifieri ħdejn it-tidwira ta' ħdejn l-ajruport.Din il-knisja baqgħet teżisti almenu sal-1866, meta kienet deskritta fil-Vista Pastorali ta' dak iż-żmien. Dik ta' San Ġwann il-Battista kienet tmiss ma' dik ta' San Nikola. Din reġgħet inbniet fl-1636, u reġgħet twaqqgħet flimkien ma' dik ta' San Nikola bejn l-1654 u l-1658, biex ma nbnietx aktar.[17] Dik ta' San Ġakbu, biċ-ċimiterju magħha, kienet fi Triq Dun Ġużepp Barbara, u l-arkata li kienet tagħti għaliha għadha hemm sal-lum. Din twaqqgħet bejn l-1658 u l-1666.[18] Dik ta' Santa Marija, mhux dik li Ferres jgħid kienet tmiss ma' dik ta' San Leonardu u li flokhom Dun Karlu Taliana bena l-knisja tiegħu, kienet tinsab fi sqaq fir-raħal, x'aktarx dak ta' Sant'Andrija, imsejħa "Ta' Pinu", li kienet għadha teżisti sal-1658;[19] waqt li dik ta' Santa Anastasja għadha teżisti fid-dar li ġġib in-numru 37, Triq San Leonardu, dar li dak iż-żmien kienet tagħmel parti mill-għelieqi ta' madwar ir-raħal.[20]



Id-dar bin-numru 37 li tilqa' fiha dak li għad fadal mill-kappella ta' Santa Anastasja.

Dawn il-ħafna knejjes li kienu jeżistu qabel m'għadhomx magħna minħabba t-telqa li kienu jinsabu fihom fi żmien li saru dawn il-Visti Pastorali. Din it-telqa kienet tibda wara li min kien oriġinarjament daħal biex jieħu ħsiebhom kien ikun miet u l-eredi tiegħu ma kinux baqgħu bl-istess impenn li jikkurawhom. U biex ma jispiċċawx mira tal-ħallelin u ta' okkażjoni ta' profanazzjoni lejn l-oġġetti sagri,



Il-ħnejjiet tal-Kappella ta' Santa Anastasja.

inkluż tal-pitturi li, kif naraw fil-każ tal-Knisja ta' San Nikola f'din il-Vista Pastorali, kienu jitbierku, l-isqof kien jipprofanahom qabel jagħmel hekk ħaddieħor. Ġieli n-nies ipprotestat u f'daqqa waħda daħlet biex tikkurahom hi flok dik il-persuna, u ġieli bniet dawn il-knejjes mill-ġdid, bħal fil-każ tal-Lunzjata u ta' San Nikola. Meta knisja kienet tiġi pprofanata mill-isqof, kemm l-oġġetti sagri kif ukoll il-piżijiet ta' quddies u festi kienu jittieħdu u jaqgħu fuq il-knisja prinċipali



Triq Medjevali li mill-irziezet fejn hemm ta' Theuma jaqsmu t-triq li mill-Menħir tmur għal tar-Robba' u tibqa' sejra għal fejn tal-Multigas.



Triq Medjevali li tkompli hekk kif taqsam Triq l-Industrija. 'L hemm minn dik it-triq kienu jinsabu l-Knejjes ta' San Nikola u ta' San Ġwann il-Battista. Iktar 'l hemm hemm parkeġġ privat, u iktar 'l hemm hemm it-triq prinċipali li tidħol fit-tunnel.



**Angolu ieħor tas-sit fejn kien jinsabu l-Knejjes ta' San Nikola u San Ġwann il-Battista.**



**Il-Ħarruba li tidher fl-isfond ħadhet post fejn kien hemm il-Knisja ta' San Ġakbu.**

tar-raħal, li f'Ħal Kirkop kienet dejjem dik ta' San Leonardu.[21]

Anke f'din il-Vista Parrokkjali, mela, insibu riferenzi għal dawn il-knejjes, fosthom dik ta' Santa Marija "Ta' Pinu", dik ta' San Ġakbu u dik ta' Santa Anastasja. Il-pittura li kienet teżisti tletin sena qabel fil-Knisja ta' Santa Marija kienet għadha teżisti fl-1685, imma fis-sagristija peress li postha ħaditha dik ta' San Kożma u Damjan, fil-korsija ċentrali, u quddiemha kienet għadha teżisti dik ta' Santa Anastasja. L-altari wkoll kienu jinġarru, u jidher li t-tliet altari msemmijin għat-tliet qaddisin kienu għadhom minn ta' dawk il-knejjes u li fuqhom kienu jsiru l-quddies u l-festi tagħhom. Peress li kien hemm żewġ altari ddedikati lil Santa Marija, kien ġie deċiż li l-piż taċ-ċelebrazzjonijiet ta' fuq dak ta' Santa Marija "Ta' Pinu" fin-nofs tal-knisja jgħaddi għal dak ta' Santa Marija l-oriġinali ta' minn żmien il-Kappillan Taliana u li qabel kien flok in-niċċa ta' San Leonardu. L-affarijiet tal-knisja ta' Santa Marija "Ta' Pinu" iġġarrew lejn il-knisja parrokkjali qabel l-1679, dawk ta' San Ġakbu qabel l-1666, u dawk ta' Santa Anastasja wkoll qabel l-1666.[22]



**L-arkata mis-seklu 17 li tagħti, permezz ta' passaġġ medjevali, lejn il-post fejn kien hemm il-Knisja ta' San Ġakbu.**

Il-pittura titulari tirreferi wkoll għal San Ġwann Evanġelista u Sant' Anton Abbati. Iż-żieda ta' qaddisin ma' dak protettur jew prinċipali kienet issir peress li min ħareġ il-flus għaliha, f'dan il-każ Dun Dumink Ellul, kellu lil missieru u lil ommu jisimhom Ġwanni u Antonja (ara isfel). Hekk ukoll ġara fil-każ ta' San Bartilmew fil-pittura ta' San Ġakbu.Dik il-pittura ta' San Ġakbu kien ħallas għaliha Bartilmew Mangion, missier Dun Franġisk, tant li dan Dun Franġisk kien iżomm xi affarijiet mill-knisja ta' San Ġakbu f'daru minħabba l-biża' ta' xi ħallelin.[23] San Kożma u San Damjan setgħu tħallsu minn Dun Kożma Farrugia li kien jgħix f'Ħal Kirkop madwar is-sena 1652, tant li fil-11 ta' Awwissu ta' dik l-istess sena serva bħala xhud fiż-żwieġ bejn Ġwanni Żahra, bin Antonju u Anġelika, miż-Żurrieq, ma' Lawrika Cardona, bint il-mibki Nikola u Marija, minn Ħal Kirkop.[24]Dan Dun Kożma Farrugia, flimkien ma' Grazzju Farrugia u Dun Ġwanni Marija Cassar dehru fil-Vista Pastorali tal-1667 magħmula mill-Isqof Bono, fejn ġew mitlubin jipprovdu purifikaturi fi żmien xahrejn.[25]

Il-pittura li tissemma fil-Knisja tal-Lunzjata, bix-xbihat ta' San Pietru u ta' San Pawl imdaħħla fiha, kienet fil-fatt l-ewwel pittura li saret għal din il-knisja deskritta bħala *icona perpulcre depicta* fil-Vista Pastorali li l-Isqof Cagliares għamel lil din il-parroċċa fl-1615.[26]F'din il-Vista Pastorali, l-Isqof Cocco Palmieri jgħid li din kienet pittura antika (*adest antiqua Icona*). Xi żmien wara l-1685 saret il-pittura li għadna ngawdu sal-lum.[27]

Fid-deskrizzjoni ta' din il-knisja tal-Lunzjata jissemmew żewġ bibien, wieħed il-prinċipali li jħares lejn il-Punent, li quddiemu kien hemm ċimiterju, u quddiem iċ-ċimiterju, flok il-ħanut tal-lum, ġnien,[28] u l-ieħor lejn Nofsinhar. Interessanti li din id-deskrizzjoni tagħti eżatt il-lokazzjoni tas-salib tal-ġebel, proprju quddiem dan il-bieb li jagħti lejn Nofsinhar, kif jidher illum, fuq tliet targiet, li xi wħud minnhom huma mgħottija bit-tarmak.[29]Dan is-salib, li llum ma jidhirx li huwa ottagonali kif hu deskritt fil-Vista Pastorali tagħna, ma kien tad-Dejma xejn,[30] imma sinjal tal-eżistenza ta' ċimiterju fil-qrib.[31]Kien hemm suppost tliet slaleb fir-raħal ma' tliet ċimiterji

li jissemmew quddiem knejjes filjali: dan ta' mal-Lunzjata, dak ta' ma' dik ta' San Nikola, u dak ta' ma' dik ta' San Ġakbu.Il-knisja prinċipali u parrokkjali ta' San Leonardu jidher li ma' kellhiex ċimiterju magħha. Dan ikkonfermah it-tħaffir li sar dan l-aħħar madwar il-knisja fuq iz-zuntier biex sar paviment ġdid mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet taħt il-Ministru Ninu Zammit, meta ma nstab ebda qabar.

Jissemma f'din il-Vista Pastorali bħala benefattur tat-tabernaklu tal-injam, li kien sar proprju ftit qabel din il-Vista u li wara nbidel b'dak preżenti magħmul mill-irħam, Dun Dumink Ellul minn Ħal Kirkop u dak iż-żmien Kappillan ta' Ħal Balzan. Huwa fil-fatt kien it-tieni Kappillan ta' Ħal Balzan maħtur mill-Isqof Balaguer fl-1662.Huwa bena l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan, u miet fil-11 ta' Lulju, 1696, f'Ħal Balzan stess,[32] qabel ma spiċċa l-bini tal-knisja.Waqt li kien Kappillan ta' Ħal Balzan, Dun Dumink kellu jiddefendi ruħu kontra akkuża quddiem it-Tribunal tal-Inkwiżitur fl-1693, li hu ppromova devozzjoni bbażata fuq għidut li parruċċana tiegħu, Marija Borg, kellha rivelazzjonijiet mill-Madonna li kienet tiggarantixxi salvazzjoni fil-Ġenna għal min kien jgħid it-talba li kienet qed tqassam.[33]Qabel ma sar Kappillan ta' Ħal Balzan, huwa deher bħala xhud fiż-żwieġ li seħħ f'Ħal Kirkop fl-10 ta' April, 1655, bejn Tumas Vella, bin Mattew u Anġelika, minn Ħal Kirkop, u Katerina Cassar, bint Franġisku u Grazzja, ukoll minn Ħal Kirkop, kif ukoll fiż-żwieġ li seħħ f'Ħal Kirkop fit-12 ta' Jannar, 1659, bejn Ġwakkin Tonna, bin Anġlu u Inzjona, miż-Żurrieq, u Matteola Psaila, bint Marjanu u Marjetta, minn Ħal Kirkop.[34] Fl-istess sena, huwa applika biex ikun Kappillan ta' Ħal Kirkop wara li tneħħa minn dik il-pożizzjoni Dun Ġwanni Xmun Azzopardi, iżda kien intgħażel Dun Matteolu Stafrage minflok.[35]

Fil-Kurja tal-Arċisqof hemm nota magħmula mill-Kanċillier kemm tal-Kurja u kemm tar-Raba' Vista Pastorali li l-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan għamel f'Ħal Kirkop fit-25 ta' April, 1754, 69 sena wara dik li qiegħdin nittrattaw, li ssemmi lil Dun Dumink Ellul bħala benefattur tal-altar maġġur tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Kirkop. Hija tgħid li dan Dun Dumink, meta kien Kappillan ta' Ħal Balzan, kien għamel donazzjoni lil ħutu s-subien (Ġwanni Pawlu u Wistin), dik tal-beni kollha tiegħu bil-kundizzjoni li jkun jista' jirrevokaha. Fil-fatt, huwa rriżerva dħul minn dawk il-beni biex tinxtagħal il-lampa fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Kirkop u biex isiru l-festi tal-Isem ta' Ġesù, l-Isem ta' Marija u ta' San Ġużepp. Id-dħul kellu jiġi minn żewġ għelieqi f'Ħabel Mula li kienu jinstabu fl-inħawi tal-Verġni Mqaddsa ta' Loretu, u minn post ta' djar li kienu jinstabu viċin il-knisja parrokkjali ta' Ħal Kirkop.[36]

**Dun Dumink Ellul** twieled f'Ħal Kirkop fit-12 ta' Lulju, 1632, u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali.[37] Missieru kien Ġwanni, avukat, bin Ġakbu u Katerina, minn Ħal Kirkop, li żżewweġ lil Antonja Ellul, bint Lazzru[38] u Imperja Zammit,[39] ukoll minn Ħal Kirkop, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-28 ta' Settembru, 1631.[40] Dun Dumink kellu ħutu, Ġwanni Pawlu, imwieled u mgħammed f'Ħal Kirkop fit-28 ta' Jannar, 1636, u Wistin, imwieled u mgħammed f'Ħal Kirkop fis-7 ta' Marzu, 1641.[41] Ommhom, Antonja, mietet ta' età żgħira u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fis-17 ta' Awwissu, 1649.[42]

Dun Dumink Ellul kellu qassisin jiġu minnu, fosthom lil Dun Gabriel Ellul. Dan kien sekond kuġin tiegħu. Missier Dun Gabriel kien Duminku,[43] miżżewweġ lil Tereża Farrugia,[44] bin Gabriel, miżżewweġ li Marjetta Magro,[45] bin Duminku, miżżewweġ lil Marjetta,[46] waqt li Dun Dumink kien bin Ġwanni, miżżewweġ lil Antonja Ellul, bin Ġakbu,[47] miżżewweġ lil Katerina, bin l-istess Duminku u Marjetta.

Bħala prokuraturi tal-konfraternità tas-Santissimu Sagrament assoċċjat mal-altar titulari li hemm fil-Kor jissemmew Duminku Caruana u Duminku Ellul.

**Duminku Caruana**, bin Pietru u Grazzja Ellul, imwieled u mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-28 ta' Diċembru, 1646,[48] iżżewweġ li Tereża Dimech, bint Marju u Duminka, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-31 ta' Jannar, 1677.[49] Missieru, Pietru Caruana, bin Franġisku u Ġovanna, imwieled u mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-24 ta' Marzu, 1609,[50] iżżewweġ lil Grazzja Ellul, bint Gabriel u Marjetta, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop bejn Settembru u Novembru, 1644.[51] Dan ifisser li Duminku Caruana kien prim kuġin ma' Dun Gabriel Ellul imsemmi fuq u, fl-istess waqt, sekond kuġin ma' Dun Dumink Ellul, ukoll imsemmi fuq.Grazzja Caruana, omm Duminku, mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-14 ta' Settembru, 1660.[52] Ġovanna Caruana, in-nanna ta' Duminku, mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-25 ta' Novembru, 1639.[53]

**Duminku Ellul**, bin Gabriel u Marjetta u missier Dun Gabriel Ellul, iżżewweġ, kif rajna fuq, lil Tereża Farrugia, bint Ġwanni u Marija Mangion, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-20 ta' Frar, 1650. Duminku Ellul, mela, kien prim kuġin mal-Avukat Ġwanni Ellul, missier Dun Dumink Ellul. Missier Tereża Ellul, Ġwanni Farrugia, bin Orlandu u Antonina, minn Ħal Tarxien, iżżewweġ lil Marija Mangion, bint Bartilmew u Ġlorma, oħt Dun Franġisk Mangion imsemmi fuq, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-25 ta' Awwissu, 1630.[54] Wara l-mewt ta' żewġha, Marija Farrugia żżewweġ mill-ġdid lil Pietru Farrugia, armel ta' Iżabella, bin Marku, minn Ħal Kirkop, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-24 ta' Settembru, 1634.[55]

Iżabella Farrugia mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-18 ta' Lulju, 1634,[56] waqt li Pietru Farruġia miet u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-15 ta' Lulju, 1663.[57] Bartilmew Mangion miet u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-2 ta' Ġunju, 1644,[58] waqt li martu, Ġlorma, mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-25 ta' Novembru, 1662.[59]

Minn dan ta' fuq, wieħed jista' jara kif kemm il-benefattur tal-altar, kif ukoll iż-żewġ prokuraturi tal-konfraternità amalgamata mal-istess altar kienu jiġu minn xulxin, u kif wieħed minn dawn il-prokuraturi kien imħallat mal-benefattur tal-Knisja ta' San Ġakbu.

Il-prokuraturi tal-konfraternità tal-Madonna tar-Rużarju kienu Stiefnu Ellul u Luqa Ellul.

**Stiefnu Ellul**, bin Mattew u Domitilla, twieled f'Ħal Kirkop u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali fis-26 ta' Diċembru, 1647.[60] Domitilla mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-4 ta' Settembru, 1662.[61] Għalhekk, Mattew Ellul reġa' żżewweġ lil Duminka Laurina, armla ta' Indrì Grech u bint Vitor u Ġovanella, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-14 ta' Novembru, 1662.[62] Missieru u ommu kienu Lazzru u Imperja Zammit, u għalhekk Stiefnu Ellul kien prim kuġin ta' Dun Dumink Ellul, imsemmi fuq. Dan kollu jikkonferma kif f'dan ir-raħal ċkejken ħafna kienu jiġu minn xulxin.[63]

**Luqa Ellul** kien hemm tnejn b'dak l-isem f'Ħal Kirkop f'dak il-perjodu: Luqa Ellul bin Salvu u Anġelika, li twieled fil-15 ta' Mejju, 1642, u Luqa Ellul bin Duminku u Andreana Cassar, li twieled fil-15 ta' Awwissu, 1628.[64] Duminku Ellul kien bin Luqa, u żżewweġ lil Andreana Cassar, bint Franġisku, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-3 ta' Novembru, 1619.[65]

Fl-aħħar nett, din il-Vista Pastorali tagħlaq b'lista ta' nies li kienu jinkludu lill-Kappillan, lill-kleru, lis-sagristani u lill-qwiebel. F'dan il-każ, għandna biss l-ismijiet tal-Kappillan, Dun Dumink Farrugia, tal-uniku persona fil-kleru barra l-kappillan, il-Kjerku Ġwanni Ellul, imsemmi fuq, missir Dun Dumink Ellul, u s-sagristan, Mawrizju Cassar.

**Dun Dumink Farrugia**

Dun Dumink Farrugia dam Kappillan f'Ħal Kirkop mill-1655 sal-1701 meta miet fit-28 ta' Diċembru.[66] Huwa kien il-ħames Kappillan ta' Ħal Kirkop, wara Dun Matteolu Stafrage u qabel Dun Ġakbu Murga. Insibuh l-ewwel darba fil-Viżta Pastorali ta' Mons. Attard tal-1666.[67]Fil-Viżta Pastorali f'Ħal Kirkop tal-1673 li saret mill-Isqof Lawrenz d'Astiria insibu bħala kurat tal-parroċċa tagħna lill-viċi, Dun Ġwanni Marija Cassar, peress li l-kappillan, Dun Dumink Farrugia, kien ġie sospiż milli jeżerċita s-sagramenti għal raġunijiet mhux magħtija: *Rev[erendo] Ioanne Maria Cassar Vicario loco M[ul]tum R[even]di D[omini] Don Dominici Farrugia d[ict]ae Ecclesiae Rectoris paulo ante ob causas in desrep[utatione] captis informationibus conte? a sacram[en]torum administratione suspensi.*[68]Iżda fl-1679, meta l-Isqof Mikiel Molina għamel il-viżta pastorali tiegħu fir-raħal, insibu li Dun Dumink Farrugia kien ġa lura fil-pożizzjoni tiegħu ta' qabel bħala kappillan tar-raħal.[69] Dun Dumink m'għandux jiġi mfixkel ma' Dun Dumink Farrugia, Kappillan tas-Siġġiewi li deher f'Ħal Kirkop fiż-żwieġ li seħħ hawn fis-27 ta' Settembru, 1682, bejn Ġużeppi Mifsud, bin Pawlu u Katerina, proprju mis-Siġġiewi, u Matteola Cassar, bint Duminku u Katerina, minn Ħal Kirkop.[70]Dan miet fl-1687.[71]Dan Dun Dumink Farrugia twieled f'Vittoriosa minn Pawlu u Marija u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali t'hemm fil-15 ta' Diċembru, 1630.[72]Missieru, Pawlu Farrugia, iżżewweġ lil Marija Tabone, bint Bartilmew, fil-Knisja Parrokkjali ta' Vittoriosa fl-4 ta' Novembru, 1616.[73]

**Kjerku Dottor Ġwanni Ellul**

Dan Ġwanni Ellul mhuw ħadd iktar ħlief missier Dun Dumink Ellul, Kappillan ta' Ħal Balzan.Huwa rċieva l-ewwel tonsura mill-Isqof Cagliares fil-31 ta' Mejju tal-1624 fil-Palazz (tal-Isqof) fil-Belt Valletta, u l-ewwel żewġ Ordnijiet Minuri fis-6 ta' Marzu, 1626, fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti (ġewwa l-Belt Valletta).Kien jilbes is-suttana l-qasira u jservi fil-knisja. Kien Duttur tal-Liġi u sid ta' razzett (*massaro*).Miegħu fil-parroċċa kien hemm ieħor Kjerku miżżewweġ, Ġwanni Marija Cassar.[74]

It-tfal ta' Ġakbu u Katerina Ellul, il-ġenituri ta' Ġwanni, twieldu hekk: Ġwanni Ġwakkin (6 ta' April, 1610), Ġwanni Pawlu (23 ta' Settembru, 1612), Ġwanni Duminku (23 ta' Awwissu, 1615), u Ġlorma (1 ta' Ottubru, 1623).[75] Peress li Ġwanni (waħdu) ma jissemmiex, seta' kien Ġwanni Ġwakkin jew Ġwanni Duminku. Ġakbu Ellul miet fil-21 ta' Settembru, 1638, waqt li Katerina mietet fit-22 ta' Settembru, 1642.[76]Bin Duminku u Marjetta, Ġakbu Ellul twieled f'Ħal Kirkop fit-22 ta' Frar, 1579, u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ mill-Kappillan Dun Bartilmew Mangion.[77]

*Horatio Caesar Roger Vella huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.

**Bibliografija**


A[rkivju] K[urja] A[rċiveskovili], *Documenta ordinationum.*
A.K.A., *V[ista] P[astorali] Cagliares* 1621.
A.K.A., *V.P. Balaguer* 1636.
A.K.A., *V.P. Attard* 1666.
A.K.A., *V.P. d'Astiria* 1673.
A.K.A., *V.P. Molina* 1679.
A.P[arrokkjali] I[mqabba], *Liber matrimoniorum.*
A.P.Q[ormi] S[an] Ġ[orġ], *Liber matrimoniorum.*
A.P.V[ittoriosa], *Liber matrimoniorum.*

Borg, V. (2015).*Melita sacra III.The Maltese Diocese during the seventeenth century*.Malta, A.P.S. Bank Ltd – V. Borg.

Cassar, K. (2008). *Il-pittura f'Ħal Kirkop*. F'H.C.R. Vella ed. (2008), 286-320.

Ferres, A. (1866). *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*. Malta.

Vella, H.C.R. ed. (2000a).Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru. Malta, Stamperija tal-Università ta' Malta.

Vella, H.C.R. (2000b). *L-ewwel reġistru tal-parroċċa ta' Ħal Kirkop: 1592-1679*. F'H.C.R. Vella ed. (2000), 48-141.

Vella, H.C.R. (2006a). *Indiċi ta' ismijiet ta' nies minn Ħal Kirkop li jinsabu mniżżla fir-reġistri taż-żwiġijiet, magħmudijiet u mwiet f'Birmiftuħ u f'Ħal Kirkop mill-1550 sal-1840*. Fleur de Lys, Malta, Concept Communications Ltd.

Vella, H.C.R. (2006b). "It-tielet ċentinarju mit-tkabbir u l-bini mill-ġdid tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' Ħal Kirkop (1706-2006)", *Għaqda Mużikali San Leonardu – Kirkop Festa 2006*, 139-147.

Vella, H.C.R. (2007). "Il-Viżta Pastorali ta' Mons.Pietru Dusina (1575) u l-Knisja Prinċipali ta' Ħal Kirkop", *Għaqda Mużikali San Leonardu – Kirkop Festa 2007*, 159-167.

Vella, H.C.R. (2008). Ħal Kirkop u l-inħawi *ta' madwaru*. Vol. II. Malta, Kunsill Lokali Kirkop.

Vella, H.C.R. (2015). "Il-Knisja tal-Madonna tal-Ġilju f'Wied Sara, Għawdex", *Festa Madonna tal-Ġilju Mqabba* (2015), 187-189.

Vella, H.C.R. (2016). *Katalgu tal-manuskritti, kotba u xi affarijiet oħra li jinsabu fl-Arkivju tal-Kapitlu tal-Knisja Matriċi Kolleġġjata Bażilika ta' Sant' Elena, Birkirkara* (dalwaqt jiġi stampat).

Zammit Falzon, J. (2004). *The epitaphs found at the Cathedral Church, Mdina, Malta: a transcription, translation, study*. Università ta' Malta(teżi).

**Referenzi:**

[1] Ħajr lis-Sur Simon Attard.

[2] A. Ferres, (1866), 45-46. Il-pittura tal-Isqof Cocco Palmieri tinsab fil-Kappella tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Knisja Matriċi taż-Żebbuġ f'Għawdex. Iż-Żebbuġ kien wieħed mill-erba' parroċċi li waqqaf Cocco Palmieri fl-1689 (u mhux fl-1688), imsemmija fl-iskrizzjoni li tinsab fuq qabru.

[3] Din kienet l-ewwel iskrizzjoni li tpoġġiet fuq qabar fil-katidral li kien inbena mill-ġdid.

[4] Iskrizzjoni traskritta u kkoreġuta minn Joanne Zammit Falzon, taħt id-direzzjoni tiegħi fl-Università ta' Malta fl-2004.

[5] Fil-Latin Klassiku, din il-kelma kienet tinkiteb bħala *fultum*.

[6] Jiġifieri, fuq in-naħa tal-lemin int u ħiereġ mill-knisja. Fil-Visti Pastorali, id-direzzjonijiet huma magħmula bl-altar maġġur fuq wara min qed jikteb ir-rapport tal-Vista Pastorali.

[7] Ara nota fuq.

[8] Fil-Visti Pastorali, *brachium* kien ifisser "kappellun", *latus* ġenb tal-korsija ċentrali.

[9] Min kiteb dan ir-rapport kellu f'rasu li dan l-altar kien fil-fatt fil-Kappellun (*brachium*) tax-xellug, u mhux fuq ix-xellug tal-korsija ċentrali (*latus*). B'hekk, dan l-altar, li għadna niftakruh flok in-niċċa ta' San Leonardu, kien pariġ dak li għadna niftakru n-naħa l-oħra taħt il-pittura tal-Madonna tal-Pilar.

[10] Fil-Latin Klassiku din il-kelma tinkiteb bħala *dextris*.

[11] Qabel il-Konċilju Vatikan II, l-epistula kienet tinqara fuq in-naħa tax-xellug int u tħares lejn l-altar, waqt li l-evanġelju kien jinqara fuq in-naħa tal-lemin.L-abbati kien jitla' qabel l-evanġelju biex iniżżel il-leġiju bil-missal fuqu, jagħmel ġenuflessjoni, u jtellgħu fuq in-naħa l-oħra.

[12] Ara H.C.R. Vella (2006b),

[13] A. Ferres (1866), 431: *L'attuale chiesa parrocchiale del Chircop fu fabbricata sul sito, ove prima esistevano due altre chiese, cioè, di San Leonardo e di Santa Maria, dopo la separazione dalla matrice di Birmiftuh. La sua fabbrica è del 1500.*

[14] Li ma kienx għal spejjes u estetika, u għall-fatt li fuq iz-zuntier setgħu kienu midfuna xi nies, kif kien isir dak iż-żmien, dawn iż-żewġ bibien imfassla setgħu reġgħu nfetħu biex jagħtu għal żewġ konfessjonarji mibnija fuq barra fuq iz-zuntier.

[15] Dawn iż-żewġ pitturi, dik ta' Santa Marija u dik tal-Kurċifissjoni, ġew deskritti minn Kenneth Cassar (2008), 287-290.

[16] K. Cassar (2008), 292-302.

[17] H.C.R. Vella (2000b), 125.

[18] H.C.R. Vella (2000b), 124.

[19] H.C.R. Vella (2000b), 126-127.

[20] H.C.R. Vella (2000b), 123-128; H.C.R. Vella (2015), 187-189, fejn għall-ewwel darba jiġi żvelat il-lokalità ta' din il-knisja f'Ħal Kirkop u mxebbha ma' oħra f'Wied Sara f'Għawdex.

[21] Ara H.C.R. Vella (2007).

[22] H.C.R. Vella (2000b), 123-127.

[23] H.C.R. Vella (2000b), 123.

[24] H.C.R. Vella (2006a), 106.

[25] H.C.R. Vella (2000b), 131;

[26] *V.P. Cagliares* (1615), f.228.

[27] Ara K. Cassar (2008), 290.

[28] H.C.R. Vella (2000b), 126-127: A.K.A., *V.P. Cagliares* 1621, f.72v.:*habet hortum versus Occidentem ... habet c<a>emeterium ante decenti muro fabricatum.*

[29] Kontra dak li jgħidu xi wħud, li dan is-salib jiftakruh iktar lejn id-dar li kienu jokkupaw is-sorijiet. Ara A.K.A., *V.P. Balaguer 1636*, f.113v.:*ante quam est c<a>emeterium muro clausum, et prope illud in spatio p[u]b[li]co adest crux lapidea supra parvam columnam lapideam posita, ad quam ascenditur per tres gradus lapideos.*

[30] Kif turi t-tabella mwaħħla llum ħdejn is-salib.

[31] H.C.R. Vella (2000b), 127-128.

[32] A. Ferres (1866), 511.

[33] V. Borg (2015), 325.

[34] H.C.R. Vella (2006a), 105-106.

[35] V. Borg (2015), 570.

[36] H.C.R. Vella (2016), di110.

[37] H.C.R. Vella (2006a), 126.V. Borg (2015), 324, jgħid li l-magħmudija tiegħu mhix fir-reġistru ta' Ħal Kirkop. Imma l-indiċi li għamilt jien fl-2006 huwa kollu bbażat fuq ir-reġistri li għandha l-parroċċa mill-1592 sal-1840, u Dun Dumink Ellul huwa msemmi hemm tabilħaqq.

[38] Lazzru Ellul, bin Benedittu u Mattja, kien armel ta' Valenzja Zammit, bint Mattew, mill-Gudja, li żżewwiġha fit-8 ta' Awwissu, 1603, fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ (H.C.R. Vella {2006a}, 13). Hija mietet u ndifnet fil-

Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-15 ta' Ġunju, 1605 (H.C.R. Vella {2006a}, 170).Huwa twieled f'Ħal Kirkop u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ fl-10 ta' Mejju, 1578.Mastru Benedittu Ellul, missier Lazzru, miet u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-5 ta' Jannar, 1596, waqt li martu, Mattja, mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-28 ta' Marzu, 1615 (H.C.R. Vella {2006a}, 168 u 170).

[39] Imperja Ellul mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-18 ta' Mejju, 1655 (H.C.R. Vella {2006a}, 169.

[40] H.C.R. Vella (2006a), 96.Ir-reġistru tal-knisja, bi żball, jgħid li omm Dun Dumink Ellul kienet Imperja flok Katerina.

[41] H.C.R. Vella (2006a), 127 u 130. V. Borg (2015), 325, jgħid li Dun Dumink kellu ħuh qassis, Dun Ġwanni Marija Ellul. Dan ma jistax ikun, għax kieku kien ikun imniżżel fir-reġistru tal-magħmudijiet kif ukoll fir-reġistru tal-ordinazzjonijiet fil-Kurja tal-Arċisqof ma' dawk li kienu jagħmlu ma' Ħal Kirkop. Dan qegħdin ngħiduh minkejja li r-reġistru tal-Ordnijiet Sagri jsemmi li l-Kjerku Avukat Ġwanni Ellul kellu ħamest-itfal, u mhux tlieta (ara isfel).

[42] H.C.R. Vella (2006a), 168. Jien u l-mara tiegħi wkoll niġu minn Dun Dumink Ellul, kif ġej: Benedittu Ellul-Mattja (Kirkop), missier Lazzru Ellul-Imperja Zammit (Imqabba), missier Mattja Ellul-Ġlormu Mangion (Kirkop), missier Marija Mangion-Vinċenz Vella (Kirkop), missier Franġisku Vella-Katerina Schembri (Żejtun), missier Ružarja Vella-Indrì Ellul (Żejtun), missier Grazzja Ellul-Ġwanni Battista Bonnici (Żejtun), missier Katerina Bonnici-Wiġi Attard (Żejtun), missier Klement Attard-Katerina Caruana (Żejtun), missier Wiġi Attard-Eliżabbetta Cachia (Għaxaq), missier Marija Konċetta Attard-Ġwanni Battista Vella (Żejtun), missier Frank Vella-Tessie Bartolo (Sliema), missier Horatio Vella-Mary Rose Farrugia (Kirkop) / Vivienne Caruana (Mdina):dan ifisser li jiena niġi fid-disa' ġenerazzjoni mill-prima kuġina (Marija Mangion) ta' Dun Dumink Ellul; l-istess Lazzru Ellul-Imperja Zammit (Imqabba), missier Mattew Ellul-Domitilla Caruana (Luqa), missier Lazzru Ellul-Sapjenza Pace (Siġġiewi), missier Mattew Ellul-Tereża Camenzuli (Kirkop), missier Sapjenza Ellul-Indrì Dalli (Gudja), missier Marija Dalli-Indrì Barbara (Gudja), missier Saverja Barbara-Anġlu Galea (Gudja), missier Marija Galea-Stiefnu Muscat (Gudja), missier Anġla Muscat-Franġisku Chetcuti (Gudja), missier Marija Chetcuti-Feliċ Pace (Cospicua), missier Lawrenza Pace-Emanuel Grasso (Cospicua), missier Verġinja Grasso-Ġużeppi Consiglio (Tarxien), missier Mary Consiglio-Paolino Caruana (Żejtun), missier Vivienne Caruana-Horatio Vella (Mdina): dan ifisser li l-mara tiegħi hija fil-11-il ġenerazzjoni mill-prim kuġin (Mattew Ellul) ta' Dun Dumink Ellul.

[43] Ħut Duminku Ellul, u għalhekk zijiet ta' Dun Gabriel Ellul, kienu jinkludu lil Vittorja Ellul (ommha Ġovanella, u għalhekk hi kienet *half-sister*), residenti f'Ħal Luqa, li żżewġet lil Lawrenz Zammit, bin Salvu, mill-Imqabba, fid-dar tal-mibki Ġakbu Psaila, iz-ziju tagħha, fid-19 ta' Awwissu, 1621. Iċ-Ċelebrant kien Dun Marju Mallia, Kappillan tal-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ, waqt li x-xhieda kienu Franġisku Mallia, Ġulju Zammit u Mattew Falzon (H.C.R. Vella {2006a}, 25), kif ukoll lil Valerju Ellul (ommu Marjetta u għalhekk *full brother*), imwieled f'Ħal Kirkop u mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ fil-15 ta' Lulju, 1614 (H.C.R. Vella {2006a}, 59-60), u miżżewweġ lil Agata Grech, bint Duminku u Mattja Vella, imwielda f'Ħal Kirkop fis-17 ta' April, 1622 (H.C.R. Vella {2006a}, 139).

[44] Duminku Ellul, bin Gabriel u Marjetta, iżżewweġ lil Tereża Farrugia, bint Ġwanni u Marjetta, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-20 ta' Frar, 1650 (H.C.R. Vella {2006a}, 96).

[45] Gabriel Ellul twieled fis-16 ta' Lulju, 1570, u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ mill-Viċi-Kappillan Bartilmew Mangion. Il-parrini tiegħu kienu Marjanu Cassar, Pietru Saccone u Ġwanni Pawlu Zammit (H.C.R. Vella {2006a}, 57).Huwa żżewweġ lil Marjetta Magro, bint Vinċenz u Duminka Spiteri, fil-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba fit-18 ta' Jannar, 1604 (A.P.I., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*). Huwa kien armel ta' Ġovanella, minnĦal Luqa (ara Antenati Consiglio, fuq), li kien iżżewwiġha fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ fis-27 ta' Awwissu, 1595, meta x-xhieda kienu Marjanu Camilleri, Pietru Grima u Nikola Ellul (H.C.R. Vella {2006a}, 13). Huwa kien parti minn delegazzjoni li ltaqgħet mal-Isqof Cagliares fid-9 ta' Jannar, 1630, biex titolbu jwaqqa' il-Knisja ta' San Ġakbu f'Ħal Kirkop peress li ma kinietx aktar ikkurata, u sabiex jittrasferixxi dak li kien hemm fiha f'kappella li kellha tinbena fil-Knisja Parrokkjali. Fil-fatt, ftit wara, l-Isqof ordna li jsir hekk, u li jinbena salib flok il-knisja bħala sinjal li hemm kien hemm post sagru, waqt li jitħalla ċ-ċimiterju li kien hemm magħha (H.C.R. Vella {2000b, 123).Marjetta Ellul, martu, mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-22 ta' Frar, 1662, wara li kienet ġa tilfet lil żewġha (H.C.R. Vella {2006a}, 170).Fil-fatt, Gabriel, żewġha, miet u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-23 ta' Ottubru, 1644 (H.C.R. Vella {2006a}, 169).Ħut Gabriel Ellul tgħammdu fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ hekk: Agata (7 ta' Frar, 1563), Luqa (25 ta' Frar, 1565), Ġwanni Pawlu (11 ta' Mejju, 1567), Ġovanna (3 ta' Mejju, 1568), Grazzja (21 ta' Diċembru, 1572), Ġwanni Pawlu ieħor (20 ta' Frar, 1575), Marjetta (15 ta' April, 1577), Ġakbu (22 ta' Frar, 1579), Natal (27 ta' Diċembru, 1581), Pawla (15 ta' Jannar, 1584) u Grazzja oħra (7 ta' Ġunju, 1587) (H.C.R. Vella {2006a}, 53-59). Ħut Marjetta Magro kienu jinkludu lil Bartilmew li żżewweġ lil Lawrenza Calleja, bint Ġwanni u Duminka Axisa, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi fid-19 ta' Ottubru, 1625 (A.P.Q., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[46] Marjetta Ellul mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fid-19 ta' Ottubru, 1608, wara li kienet ġa tilfet lil żewġha (H.C.R. Vella {2006a}, 170.Fil-fatt, żewġha, Mastru Duminku Ellul miet u ndifen f'Ħal Kirkop fil-5 ta' Novembru, 1606 (H.C.R. Vella {2006a}, 168).

[47] Ġakbu Ellul twieled f'Ħal Kirkop fit-22 ta' Frar, 1579,

u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ (H.C.R. Vella {2006a}, 55).Huwa miet u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-21 ta' Settembru, 1638 (H.C.R. Vella {2006a}, 169).Ħutu kienu Marjetta, imwielda fil-15 ta' April, 1577, Natalju, imwieled fis-27 ta' Diċembru, 1581, u Pawla, imwielda fil-15 ta' Jannar, 1584 (H.C.R. Vella {2006a}, 59).

48 H.C.R. Vella (2006a), 116.

49 H.C.R. Vella (2006a), 187.

50 H.C.R. Vella (2006a), 117.

51 H.C.R. Vella (2006a), 93.Id-data preċiża mhix miġjuba.

52 H.C.R. Vella (2006a), 165.

53 H.C.R. Vella (2006a), 165.

54 H.C.R. Vella (2006a), 97.

55 H.C.R. Vella (2006a), 98.

56 H.C.R. Vella (2006a), 171.

57 H.C.R. Vella (2006a), 172.

58 H.C.R. Vella (2006a), 175.

59 H.C.R. Vella (2006a), 176. Jien niġi minn Duminku Caruana u Duminku Ellul kif ġej: Duminku Ellul-Marjetta (Kirkop), missier Gabriel Ellul-Marjetta Magro (Imqabba), missier Valerju Ellul-Agata Grech (Kirkop), missier Ġwanni Duminku Ellul-Elena (Kirkop), missier Roża Ellul-Alessandru Bonnici (Kirkop), missier Mikiel Bonnici-Marija Zahra (Żebbuġ, Malta), missier Anna Bonnici-Pietru Attard (Żebbuġ, Malta), missier Ġwanni Marija Attard-Duminka Vella (Naxxar), missier Pietru Attard-Roża Stivala (Naxxar), missier Marija Attard-Ġwanni Attard (Naxxar), missier Franġisku Saverju Attard-Tereża Vella (Naxxar), missier Marija Attard-Ġużeppi Bartolo (Sliema), missier Tessie Bartolo-Frank Vella (Sliema), missier Horatio Vella-Mary Rose Farrugia (Kirkop) / Vivienne Caruana (Mdina).Dan ifisser li jien niġi fil-ħdax-il ġenerazzjoni mill-prim kuġin (Ġwanni Duminku Ellul) ta' Duminku Caruana u ta' Duminku Ellul.

60 H.C.R. Vella (2006a), 130.

61 H.C.R. Vella (2006a), 168.

62 H.C.R. Vella (2006a), 96.

63 Bl-istess mod, marti, Vivienne tiġi fil-ħdax-il ġenerazzjoni minn Lazzru Ellul, ħu Stiefnu Ellul (ara nota fuq).

64 H.C.R. Vella (2006a), 128.

65 H.C.R. Vella (2006a), 96.

66 A. Ferres (1866), 433.

67 A.K.A., *V. P. Attard* 1666, f.218.

68 A.K.A., *V. P. d'Astiria* 1673, f.307.

69 A.K.A., *V. P. Molina* 1679, f.309.

70 H.C.R. Vella (2006a), 198.

71 A. Ferres (1866), 404.

72 V. Borg (2015), 347.

73 A.P.V., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*.

74 A.K.A., D.O. 5 (1634-1661), ff.76, 202, 344, u 455v. Dan id-dokument jgħid li Ġwanni Ellul kellu ħamest it-tfal, u mhux tlieta, kollha subien.

75 H.C.R. Vella (2006a), 126-127.

76 H.C.R. Vella (2006a), 169.

77 H.C.R. Vella (2006a), 55.